TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Mejju, 2023**

**Talba Nru: CCT200/22/DS**

**Mariella Calleja**

**Vs**

**Marlon Debattista - Domal**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-23 ta' Diċembru, 2022 fejn talbet illi tingħata riżarċiment fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000). Waqt il-proċeduri intqal biċ-ċar illi dawn l-elf Ewro (€1,000) kienu flus lura għal depożitu illi tħallsu fuq *bookcase* illi ma kienetx skont l-ispeċifikazzjonijiet illi talbet l-attriċi.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta għalkemm tardiva għall-liema risposta ma kienx hemm oġġezjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti kif ukoll ix-xhieda ta' Maria Falzon għall-intimat, bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi s-Sinjura Calleja għamlet ordni ta' *bookcase* illi xtaqitha simili għal waħda illi diġa kellha, ritratt ta' liema *bookcase* hija insistiet illi urietu lir-rapprezentanti tad-Domal meta marret tagħmel l-ordni. Hija tgħid illi kienet enfasizzat partikolarment illi riedet bordura wiesa bħal dik illi diġa kellha hekk kif kien jidher fir-ritratt. L-attriċi tgħid ukoll illi saret *sketch* illi qatt ma ngħatat lilha fejn fuqha kienu mniżżlin id-dimensjonijiet. Meta l-attriċi għamlet l-ordni hija kienet ħalliet depożitu ta' elf Ewro (€1,000).

Meta waslet din l-għamara ma kienetx kif ordnatha l-attriċi f'diversi aspetti. Mill-provi prodotti mill-attriċi dan joħroġ biċ-ċar meta mqabbel mar-ritratt illi hija ssostni illi

kienet uriet lir-rappreżentanta tas-soċjeta' intimata u għaldaqstant hija kienet ċemplet biex tagħmel il-*complaint* tagħha għaliex ma riedetx taċċetta l-imsemmija għamara u l-bejjiegħ iddeċieda illi jieħu l-għamara lura.

Is-Sur Marlon Debattista f'isem id-Domal bħala rimedju kien offrielha illi jew tieħu xi ħaġa oħra minflok jew jodnalha oħra inkella jipprova jasal f'kompromess ma bintha illi għaliha kienet intiża. L-attriċi pero' tgħid illi hija xtaqet flusha lura u in fatti ordnat l-għamara mingħand ħaddiehor.

Xehdet is-*sales manager* tad-Domal, is-Sinjura Maria Falzon, illi kienet qdiet lill-attriċi illi sostniet illi hija qatt ma ġiet murija ritratt u li l-ordni kienet saret wara illi is-sinjura ntweriet mudell numru 42957. L-imsemmija *sales manager* sostniet illi kienet hija illi penġiet l-*isketch* u li fuqu kitbet ukoll in-numru ta' dan il-mudell u meta mistoqsija lil min tagħtu tgħid illi dan l-*isketch* kienet bagħtitu lis-*supplier*. Ta' min jinnota illi din ix-xhud fl-ebda ħin ma qalet illi l-*isketch* kienet tagħtu lill-konsumatriċi. Finalment hija insistiet illi huma setgħu biss jimxu fuq mudell partikolari.

Illi t-Tribunal semgħa t-trattazzjoni kemm minn naħa tal-attriċi kif ukoll minn naħa tal-intimat u jinnota illi l-abbli avukat tal-intimat għamel l-argument illi il-fatt illi s-sinjura reggħa bdielha ma jtiha l-ebda dritt tirrexindi l-kuntratt, illi skont l-Artikolu 75 l-intimat offrilha rimedju u li għaldaqstant huwa m'huwiex lest illi jirrifondi l-elf Ewro (€1,000) illi l-attriċi kienet tat bħala depożitu. L-attriċi minn naħa tagħha insistiet illi ir-rimedji offruti ma kienux tajbin għaliha u xtaqet flusha lura.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi l-attriċi ma ngħatatx il-prodott illi hija kienet qiegħda tistenna għaliex l-istess ma kienx konformi ma l-ispeċifikazzjonijiet tal-ordni illi hija għamlet. Għalkemm issemma numru ta' mudell partikolari u ingħad ukoll mix-xhud illi dan in-numru tniżżel fl-*isketch* ma jirriżultax mill-atti illi dan l-*isketch* ingħata lill-attriċi iżda ngħata lis-*supplier*. Dan qalitu x'xhud Maria Falzon u qalitu wkoll l-attriċi li nsistiet illi hija qatt ma ngħatat l-*isketch* imsemmi.

Illi barra minn hekk kien l-istess intimat illi meta affaċjat b'din is-sitwazzjoni, għalkemm l-għamara kienet konformi mal-*isketch,* ha l-għamara lura, illi juri illi huwa f'dak l-istadju ma kienx qiegħed jinsisti mal-attriċi illi kellu raġun għaliex li kieku kien jinsisti magħha illi dik l-għamara kienet konformi mal-ordni illi hija għamlet u ma kienx joħodha lura.

Illi t-Tribunal ra Artikolu 74(3)(d) fost artikoli oħra liema artikolu jgħid li l-konsumatur ikollu dritt jittermina l-kuntratt jekk il-bejjiegħ ma jkunx sa jġib l-oġġetti f'konformita' fi żmien raġjonevoli jew mingħajr inkonvenjent sinifikanti għall-konsumatur. Jinnota illi l-għamara kienet diġa' ġiet tard skont ma xehdet l-attriċi w'għaldaqstant ma kienx mistenni illi jekk kienet ser terggħa tinħadem l-għamara mill-

ġdid din kienet ser issir fi żmien raġjonevoli. Jinnota ulterjorment illi x-xhud f'isem id-Domal xehdet illi f'kull każ huma jistgħu jimxu biss mal-mudelli tagħhom w'għaldaqstant ma setgħetx tiġi rimedjata n-nuqqas ta' konformita' mal-ordni kif xtaqitha l-attriċi. Ir-rimedju offrut illi l-attriċi tagħżel prodotti oħra m'huwiex rimedju kuntemplat fil-liġi u lanqas huwa wieħed aċċettabbli *stante* illi l-konsumatur m'għandux iħossu kostrett jieħu affarijiet illi ma xtaqx sempliċiment biex ma jitlifx flusu!

Fl-aħħar nett it-Tribunal iħoss illi ma setgħax kien hemm rimedju ieħor idoneu għajr illi jiġi terminat il-kuntratt bejnet il-partijiet. F'dan l-ispirtu t-Tribunal jagħmel referenza għal Artikolu 78A illi jgħid illi meta konsumatur jittermina kuntratt huwa għandu jirritorna l-oġġetti lill-bejjiegħ, xi ħaġa illi f'dan il-każ l-attriċi għamlet immedjatament u l-intimat aċċetta tant illi kienu l-impjegati tiegħu stess illi ħadu l-għamara lura. L-istess artikolu jkompli jgħid pero' illi "*il-bejjiegħ għandu jrodd lura lill-konsumatur il-prezz imħallas għall-oġġetti meta jirċievi l-oġġetti ... lura*". Huwa dan illi fil-fatt l-intimat naqas illi jagħmel u minflok offra rimedji illi m'humiex attententi ma dak illi ried il-leġislatur f'dawn iċ-ċirkustanzi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' elf Ewro (€1,000) f'depożitu lill-attriċi.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.), M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.), Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**